MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2008

Numru. 49/2000
Kawza Numru. 200

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

**Frangisku Attard** ta’ 48 sena, bin Ganni u Karmena nee’ Xerri, imwieled Xewkija Ghawdex fid-29 ta’ Awissu 1951 u **Carmel Vella** ta’ 42 sena bin Joseph u Francesca Saveria nee’ Gatt imwieled Xaghra, Gahwdex fil-15 ta’ Jannar 1958

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 56351(G) u 3458(G) rispettivament, akkuzati talli fl-1 ta’ Awissu 2000, ghall-habta tad-9.25 ta’ filghaxija fuq il-moll tal-Imgarr, Ghawdex:

1. minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew gabulha disordni f'mohha u cioe' ikkagunawlha ferita ta' natura gravi (ksur fir-ras) fuq Maurice Hili mix-Xewkija, skond ma' ccertifika t-Tabib tal-Isptar Generali ta' Ghawdex Dr P, Muscat MD, ai termini ta' l-Artikolu 214 u 216 tal-Kodici Kriminali;
2. fl-istess hin, zmien u cirkostanzi volontarjament bil-lejl kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied ai termini ta' l-Artikolu 338(m) u (dd) tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 383 jew 384 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom u ai termini taghhom iddecida li jirrinvija l-atti quddiem dina l-Qorti sabiex tiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputati fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti taghhom li l-kawza tinstema' sommarjament;

Semghet lill-imputati jghidu li ma kellhomx oggezzjoni;

Semghet ix-xhieda komprizi l-imputati bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kola komprizi n-noti ta' osservazzjonijiet;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputati huma akkuzati:
- bir-reat li kkommettew feriti gravi fuq il-persuna (Artikolu 214 u 216 Kap.9);
- bl-offizi kontravenzjonali li bil-lejl kisru il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat (Art.338(m) Kap 9) u/jew li b'mod iehor kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (Art.338(dd) Kap 9).

Illi l-akkuzi jirreferu ghall-incident li gara fil-hin ta' bil-lejl l-Imgarr, Ghawdex, precizament fuq il-moll fejn jittrakka l-vapur t'Ghawdex. Jirrizulta mhux kontestat li dak inhar l-imputati kienu l-Imgarr fejn kienu ta' spiss jinzlu flimkien mal-familja taghhom u jltaqghu ma' xi familjari minn taghhom. Jirrizulta wkoll li f'hin minnhom l-imputat Carmel Vella illarga sabiex imur ikellem lill-midrub Hili billi bint dan l-imputat kienet semmiet li xi gurnata qabel kienet giet imsawta proprju mill-midrub. L-imputat l-iehor involva ruhhu billi xi hin wara mar hu wkoll fid-direzzjoni ta' fejn kien telaq l-imputat Vella.

Illi dwar li sehhew xi incidenti ma' dan Hili m'ghandux ikun hemm dubbju billi dwar dan xehdu numru konsiderevoli ta' xhieda. Il-problema tirrivolgi dwar jekk l-imputati jew min minnhom hu responsabbli ghall-griehi ta' natura gravi li sofra l-istess Hili. Dan afferma li l-feriti gew kkagunati meta gie mbuttat xi metri ghall-isfel minn fuq il-moll. Jinghad li dak il-hin Hili kien qieghed xoghol jaqta' l-biljetti lill-passiggieri li kienu qed jimbarkaw il-vapur t'Ghawdex biex jigu lejn Malta.

Illi fir-rigward il-feriti li sofra Hili gew prodotti bosta tobba anka biex jixhdu dwar xi griehi u mankamenti li l-imsemmi Hili kien sofra precedentement ghall-feriti li sofra fl-incident in dizamina. Tafferma din il-Qorti f'dan il-kuntest illi dak li jikkoncernaha huma l-feriti li sofra Hili fl-incident meritu dina l-kawza u jekk l-imputati individwalment jew it-tnejn f'daqqa huma kriminalment responsabbli li kkagunaw tali feriti.

Illi mill-provi prodotti koncernanti t-tobba din il-Qorti jidrilha li jinsab pruvat li konsegwenza tal-waqgha l-imsemmi Hili sofra ferita ta' natura gravi fir-ras konsistenti fi ksur kif kontestat fl-ewwel akkuza li gabet debulizza permanenti fil-funzjoni ta' xi part ital-gisem (nuqqas fi smiegh). Jirrizultalha wkoll li l-waqgha giet prokurata mill-imputat Frangisku Attard li 'a tempo vergine' kien ammetta li kien imbutta lill-imsemmi Hili izda mhux biss billi hemm ix-xhud, il-PC 1120 Anthony Stellini, li jistqarr posittivament dwar dan.

Dwar it-tieni akkuza din ghandha tirrizulta fil-konfront taz-zewg imputati.

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:

- fil-konfront tal-imputat Frangisku Attard wara li rat l-Artikolu 216(1)(ii), 338(m) u 338(dd) u 17 tal-Kap 9 tiddikjarah hati tal-akkuzi lilu kontestati u tikkundannah sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tissospendihom ghal sena mil-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor fil-perjodu operattiv oltre ammenda komplessiva ta’ mija u sittax-il euro u sitta u erbghin centezmu (€116.46);

- fil-konfront tal-imputat Carmel Vella wara li rat l-Artikolu 338(m) u 338(dd) tal-Kap 9 issibu hati tat-tieni akkuza u konsegwentement tilliberah mill-ewwel u tikkundannah ammenda komplessiva ta’ mija u sittax-il euro u sitta u erbghin centezmu (€116.46) fuq it-tieni komplessivament.

Il-Qorti spjegat lill-imputati l-konsegwenzi ta’ dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------